MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 968/2004

Kawza fil-lista: 11

**Korporazzjoni Telemalta**
**Vs**
**Debono Trading Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 1671/96) giet deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1997, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lis-Socjeta' Kummercjali Maltacom plc. s-somma ta' Lm1,380.10 (elf tlett mija u tmenin liri Maltin, u ghaxar centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 221860, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-Socjeta' Maltacom plc illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm184.30 (mija u erba' u tmenin liri Maltin u tletin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", kif ukoll Lm846.46 (tmien mija u sitta u erbghin liri Maltin, u sitta u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-20 ta' Settembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2410.86 (elfejn erba' mija u ghaxar liri u sitta u tmenin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------